**KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ**

**AĠENDA NUMRU 42– 11 ta' Diċembru 2017**

***Minuti tat-42 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar it-Tnejn 11 ta' Diċembru, 2017 fil-5:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-5:30pm ta' filgħaxija sabiex issir Agenda Numru 42. Il-laqgha bdiet fil-5:40 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **Alfred Grixti** | Viċi-Sindku |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

**42.1 QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOĠIJI**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-Vici Sindku Alfred Grixti infurmaha li ma kienx ser jattendi ghal dik il-laqgha.

**42.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Is-Sindku Sarah Agius ġabet għall-approvazzjoni l-minuti tal-laqgħa preċedenti. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Vernalise Scicluna. Il-minuti ġew approvati unanimament. (154).

**42.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

42.3.1 Dwar il-murali, il-Kunsill qabel unanimament li t-tema ghall-mural li ghandu jsir mal-faccata tal-librerija ghandu jkun hemm inkluz fih it-tfal u postijiet storici f'Haz-Zebbug.

42.3.2 Dwar Bieb de Rohan, is-Sindku Sarah Agius infurmat li l-istoriku Ray Mangion ma jistax jaghmel ir-ricerka minhabba li mpenjat fuq studju iehor bhalissa. Pero ghadda riferenza ta' avukata li bhalissa qed isiru l-kuntatti maghha ghal aktar taghrif.

Il-Kunsillier George Cortis dahal ghal-laqgha fis-6:00pm filwaqt li l-Kunsillier Chris Bongailas dahal fis-6:05pm.

42.3.3 Kien hemm qbil unanimu li TCTC jorganizzaw korsijiet bl-isem 'EM Citizens' li ser jinvolvi spiza ta'Eur1,000 kif ukoll il-pustagg ghar-reklamar.

42.3.4 Is-Sindku Sarah Agius infurmat li d-Dipartiment tal-Works ser jaghmel xogholijiet estensivi fuq Gnien l-Indipendenza sabiex dan jerga jinghata l-hajja.

42.3.5 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li b'effett mill-1 ta' Jannar 2018, il-kuntrattur tal-iskart ma kienx ser jibqa jaghmel id-dawra tal-pjazza nhar ta'Hadd, xoghol li s'issa qejjem ghamlu gratis. Sadanittant hija nfurmat lill-kunsill li kienet ser titqassam ittra lill-hwienet tal-ikel tal-pjazza sabiex dawn jaghmlu l-affarijet skont il-ligi u l-iskart jiehdu hsiebu huma.

**42.4 SIGNS – BUS STAGES**

Is-Sindku Sarah Agius giet avvicinata minn individwu sabiex l-istage li hemm fi Triq Sciortino jibdlu u jkabbru spejjez ghalih, pero jkollu dritt jaghmel ir-reklami hu. Il-Kunsill qabel unanimament li jitlob il-parir ta' TM dwar dan il-bus shelter.

**42.5 TISMIJA TA' TOROQ U NUMRI TAL-BIBIEN (TRIQ IL-KBIRA U TRIQ HAL SAJD)**

Is-Segretarju Ezekuttiv nforma lill-Kunsill li kienu ser jinbidlu n-numri ta' triq il-Kbira u ta Triq Hal Sajd.

Hija spjegat ukoll li hemm il-htiega li jinghataw ismijiet lil zewg toroq li bhalissa t-tnejn igibu l-isem ta' Triq Gdida fi Triq l-Imdina.

Il-Kunsillier George Cortis semma li wahda mit-toroq il-godda ghandha tissema ghal Filippa Attard. Il-Kunsillier George Cortis telaq mil-laqgha fis-7:15pm. Wara diskussjoni gie deciz li Triq Gdid fi Triq Gharram tissemma wara is-Surmast Frank Galea, filwaqt li Triq Gdida fi Triq l-Imdina tissemma Triq is-Snajja. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li triq ghal Filippa Attard ghandha tissemma f'zona aktar centrali.

**42.6 BLOOD DONATION UNIT**

Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li ser ikun hemm il-Blood Donation Unit fl-21 ta' Jannar 2018.

**42.7 TENDER TOROQ RURALI**

Kien hemm qbil unanimu li jinhareg dan it-tender tat-toroq rurali li jinvolvi qtugh ta' haxix u tindif ta' dawn iz-zoni. Il-Kunsill qabel li dawn it-tender johrog bil-kejl.

**42.8 AGGUDIKAZZJONI TA' PROGETTI**

Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-attenzjoni li t-tender ta' Gnien l-Infetti kien ser jinhareg dalwaqt. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jithejja rapport mill-Perit tal-Kunsill dwar l-offerti mitfugha sabiex dan ir-rapport jigi mbaghad prezentat lill-Bord tal-Aggudikazzjoni sabiex issir ir-rakkomandazzjoni u l-process tas-soltu.

**42.9 SINJALI FIT-TOROQ**

Is-Segretarju qalet li kienu qed isiru talbiet biex isiru linji sofor mal-kantunieri kif ukoll il-kaxxi l-bojod fi Triq l-Insig u l-vicinanzi. Madanakollu minhabba l-kundizzjoni tat-tarmac mhux possibli ssir din iz-zebgha. Il-Kunsillier Roderick Aquilina talab li jsir refreshing taz-zebgha fi Triq Fra Ferd Mattei u u Triq Frangisku Zahra.

**42.10 PERFORMANCE BONUS**

Il-Kunsill qabel unanimament li s-Segretarju Ezekuttiv u t-tlett impjegati li hemm fl-Amministrazzjoni tal-Kunsill jinghataw il-massimu tal-performance bonus, fuq proposta tas-Sindku Sarah Agius li giet sekondata milll-Kunsillier Roderick Aquilina.

Il-Kunsilliera Vernalise Bartolo harget mil-laqgha fis-7:50pm.

**42.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI**

Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-attenzjoni l-iskeda tal-pagamenti. Il-Kunsillier Roderick Aquilina astjena mill-vot lill-kuntrattur Rita Xuereb filwaqt li l-Kunsillier Chris Bongailas astjena mill-pagament lill-Mario Cachia. Is-Sindku Sarah Agius ipproponiet li jigi approvat il-vot kif prezentat. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Clive Azzopardi.

**42.12 TWEGIBIET GHAL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-Kunsilliera.

**42.13 TMIEM TAL-LAQGHA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

Gie maqbul li laqgha li jmiss issir nhar il-Hamis 18 ta' Jannar fil-5:00pm. Il-laqgha ntemmet fit-8:05pm.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |